



POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT:
KWISTJONIJIET SOĊJALI

KWISTJONIJIET TA' ĠUSTIZZJA

Politika Ewropea tal-Viċinat

ec.europa.eu/world/enp

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni
B – 1049 Brussell
enp-info@ec.europa.eu

NF-30-08-042-MT-D

Imsieħba fl-iżvilupp

Chefchaouen, bid-djar sbieħ tagħha blu u bojod, tinsab fil-Muntanji Rif li huma ta' sbruħija li ġġiblek għajnejk wara widnejk. Madankollu, dan il-pajżaġġ relattivament remot u diffiċli jippreżenta sfidi kbar lill-komunitajiet lokali u hemm faqqar rurali mifrux ma' kullimkien.

Bl-appoġġ tal-UE, qed taħdem skema ewlenija biex jittjeb l-għajxien, li tkopri mijiet ta' kilometri kwadri fl-intern ta' Chefchaouen. "L-għan ewleni tagħna huwa li jiżied id-dħul u jiġu ppreżervati r-riżorsi naturali," jispjega Abdel-salam Chriqi, li jmessi l-inizjattiva.

Il-programm, li huwa wieħed minn ħafna skemi simili fir-reġjun tal-Magreb, jappoġġja aktar biedja produttiva sostenibbli, it-tisġir mill-ġdid, it-trobbija tal-annimali, l-infrastruttura, il-kura tas-saħħa, l-iżvilupp tal-park nazjonali tar-reġjun, u fieri għall-prodotti reġjonali, eċċ. "Il-parteċipazzjoni tal-komunità lokali hija pilastru essenzjali tal-attivitajiet tagħna," jgħid Hassan Berhili li jikkoordina l-immaniġġjar tad-diversi proġetti f'dan il-qasam.

naħdmu biex inqajmu kuxjenza fost il-bdiewa li ż-żejt taż-żebbuġa tajjeb jiddependi fuq it-tekniki agrikulturali tajbin, il-ħażna xierqa u l-ġarr," jispjega Abdel-Rahman el-Khawaja li jmessi l-kooperattiva. "Aħna nipprovdhom b'appoġġ u taħriġ f'dawn l-oqsma." Il-prensa għadha kif għalqet l-ewwel staġun tagħha li fih hija ħarġet 40 tunnellata ta' żejt minn kważi 220 tunnellata ta' żebbuġ f'isem ħafna mis-70 membru tagħha u 205 li mhumiex membri.

Xehda ta' attivit

Grazzi għal dan il-programm, Chefchaouen sar ċentru ta' attivit ta' kooperattiva. Dan jospita kooperattivi għal dawk li jrabbu n-naħal, ragħajja tal-mogħoż, dawk li jrabbu l-fniek, u oħrajn. Kooperattiva waħda li trabbi n-naħal tipproduċi firxa sħiħa ta' għasel tal-foresta, s-sena kollha. Skont l-istaġun, in-naħal jieklu l-lumi, l-ewkaliptu, is-sagħtar, jew is-siġar tal-ħarrub, u għalhekk jipproduċu għasel b'toġhmiet differenti.

"L-ċaqlieg tax-xehdiet tan-naħal għal ambjenti differenti fil-foresta... hija waħda mill-akbar innovazzjonijiet li ġabet din il-kooperattiva. Hija għamlitha wkoll aktar faċli għalina biex nixru l-materjal, nintroduċu tekniki ġodda u nikkumerċjalizzaw il-produzzjoni tagħna," jgħid Azhar el-Azzouzi, membru tal-kooperattiva. "Fis-sitt snin mindu bdejna, il-produzzjoni tagħna żdiedet b'għaxar darbiet."

It-trobbija tal-mogħoż hija waħda mis-sostenituri prinċipali tal-ekonomija lokali. Sabiex ir-ragħajja jingħataw għajnuna biex jieħdu l-aħjar li jistgħu mill-ħalib tagħhom, reċentement fetħet fabrika kooperattiva tal-ġobon mill-ħalib tal-mogħoż.

"Aħna waqqafna din l-assoċjazzjoni bil-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li jrabbu mill-lokal," jispjega Mohammed Boueissa li jmessi l-fabbrika. "Aħna ngħinu wkoll lill-bdiewa biex itejbu t-tekniki tagħhom fit-trobbija tal-mogħoż u jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien."

Il-fabbrika moderna tixtri l-ħalib tal-mogħoż mingħand il-bdiewa bi prezzijiet ogħla minn dawk tas-suq biex tipproduċi ġobon artab u matur. Il-faċilità timpjega kontrolli tal-iġjene u kwalità aġġornati. "Aħna nagħmlu analiżi tul il-linja tal-produzzjoni kollha," tiddekrivi Zeinab Rati, waħda mit-tekniċi żgħażaġ tal-laboratorju tal-fabbrika. Hija tinsab eċitata li mressiela ssib xogħol, l-ewwel wieħed tagħha, li jaqbel mal-kwalifiki tagħha.

Wara studju bir-reqqa tas-suq tal-ġobon mill-ħalib tal-mogħoż fil-Marokk, il-kooperattiva issa tqassam id-ditti tagħha mal-pajjiż kollu.

Il-frott tal-kooperazzjoni

Mohamed Bouqaydi huwa bidwi ħabrieki fuq skala żgħira. F'din l-art muntanjuża iebssa, huwa għandu siġar taż-żebbuġ u tal-ħarrub, iżomm in-naħal u jirġha l-mogħoż sabiex ilaħħaq mal-ħajja.

Bouqaydi huwa ferħan għaliex fiż-żona taċ-Chefchaouen fir-Rif fetħet kooperattiva ġdida tat-tagħsir taż-żebbuġ li tħaddem teknoloġija mill-aktar avvanzata. "Aħna għandna pressa tradizzjonali tal-familja iżda nippreferu nużaw dik moderna għaliex tipproduċi żejt ta' kwalità aħjar, fi kwantitajiet akbar u b'inqas xogħol," jispjega.

Bil-metodi tradizzjonali, il-proporzjon taż-żebbuġ maż-żejt huwa ta' madwar 14%. Bil-prensa l-ġdida, dan tela' għal 21%. Barra dan, iż-żejt li joħroġ huwa aktar konsistenti u għandu inqas aċidità, li jtejbju l-kwalità tiegħu. Bl-għajjnuna tal-kooperattiva, li żviluppat in-netwerk ta' distribuzzjoni tagħha, iż-żejt ta' Bouqaydi issa qed jinbiegħ għal 60% aktar minn qabel. "Qed nuża d-dħul żejjed sabiex intejjeb il-ħajja tal-familja tiegħi," jgħid il-missier kument hekk kif itaptap fuq spallejn ibnu.

Il-kooperattiva ffinanzjata mill-UE tipprovdi wkoll lill-bdiewa b'firxa komprensiva ta' servizzi ta' appoġġ. "Aħna

- Stati Membri tal-UE
- Pajjiżi msieħba fl-ENP
- Kandidati għal sħubija fl-UE
- Kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE



KUMMISSJONI EWROPEA
Relazzjonijiet Barranin



Sfihriġ reċenti sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma favur kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi ġirien. Huma jemmnu li rabtiet aktar mill-qrib jistgħu jsaħħu l-paċi u d-demokrazija.

Dan huwa dak li tittratta l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP). Żviluppata fl-2003/2004 bil-għan li tressaq lill-UE mkabbra u lill-ġirien tagħha aktar qrib xulxin, l-ENP tittratta t-teħid ta' azzjoni konkreta sabiex jiġu appoġġjati riformi u biex issaħħaħ il-prosperità: biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-viċinat tagħna.

Allura kif taħdem? L-UE u kull wieħed mill-ġirien tagħha jaqblu fuq kif jibnu relazzjonijiet aktar mill-qrib u jappoġġjaw riformi fuq perjodu ta' tlieta sa ħames snin. L-impenni kongjunti huma mfissra f'hekk imsejja Pjanijiet ta' Azzjoni. Il-ħila u l-finanzi (kważi €12-il biljun mill-2007 sal-2013) huma disponibbli taħt l-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew' (ENPI) sabiex jgħinu bil-modernizzazzjoni u r-riforma.

Ludmila Gvozdk lha tgħix mar-raġel u l-familja tagħha f'ċentru IDP sa mill-bidu tas-snin 90



Soċjetà aħjar għal kulħadd

Kull soċjetà tiffaċċja sfidi li jinħolqu mill-faqar, in-nuqqas ta' edukazzjoni, l-emarġinazzjoni, il-mard, eċċ. Ir-Refuġjati, refuġjati interni, tfal żvantaġġjati, komunitajiet rurali u fl-ibliet li waqqgħu fil-faqar kollha bbenefkaw mill-appoġġ tal-UE.

Post bħad-dar

Waqt li tkanta diska popolari dwar Tbilisi, Ketevan tidher bħal ħafna tfal oħra ta' ħdax-il sena fil-kapitali tal-Ġeorġja, ferħana u bla nkwieta ta' xejn. Madankollu, 'Katie' qattgħet ħajjitha kollha f'ċentru ta' akkomodazzjoni għal persuni refuġjati internament (IDPs).

Il-familja tagħha, bħal kwart ta' miljun Ġeorġjani etniċi, ħarbu mill-vjolenza li faqqgħet fir-reġjun separatista tal-Abkażja fil-bidu tas-snin 90. Ħafna eluf ikomplu jgħixu f'lukandi, spartarjiet u kwartieri tal-armata kkonvertiti. Il-gwerra f'Awwissu 2008 kompliet tgħarraġ is-sitwazzjoni.


Il-ġenituri tagħha, Irma u Merab, huma determinati li ma jħallux din twaqqafhom milli jgħixu ħajjiet normali. Dawn saħansitra bidlu biċċa mid-dar modesta tagħhom fi klassi fejn it-tfal lokali jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ekstra kurrikulari, bħal pittura, tpinġija, kant, żfin u kompjuter.

"It-tfal iħobbju jiġu hawn wara l-iskola u fi tmiem il-ġimgħa," tgħid Irma entużjasta, li toffri ħinha volontarjament bħala għalliema. Programm appoġġjat mill-UE għenja sabiex tarma l-klassi.

Nibnu l-għeruq

Il-proġett jagħti s-setgħa lir-refuġjati interni u jgħinjom sabiex isibu djar denji billi jipprovdi taħriġ biex jiddefendu lilhom infushom, informazzjoni u assistenza legali, jispjega l-koordinatur tiegħu Rikke Johannessen mill-Kunsill Daniż għar-Refuġjati (DRC). Dan jgħin b'mod partikolari lil dawk ir-refuġjati li huma mhedda li jitkeċċew minn faċilitajiet li qed jiġu privatizzati.

Nunu Sanaya – li tgħix f'ċentru ospitat fi sptar fejn hi taħdem ukoll bħala infermiera – irċeviet taħriġ fuq kif tiddefendi lilha ruħha u taħriġ ieħor minn professjonisti, inkluż l-Assoċjazzjoni Ġorġjana tal-Avukati Żgħażagħ. "Aħna ddeterminati li nsemmgħu leħen l-IDPs u li nassiguraw li tinstab akkomodazzjoni alternattiva xierqa għal nies bħali," tenfasizza.



It-tagħlim huwa l-akbar ħabib għal tifla

Maha, 16, tgħix fir-raħal ta' Abusir, li jinsab fejn uħud mill-aktar piramidi famużi tal-Eġittu. Għalkemm fil-vaganzi tas-sajf, din iż-żagħżugħa motivata tmur l-iskola tliet darbiet fil-ġimgħa.

L-iskola favur il-Bniet ta' Abusir hija maħsubha għall-bniet lokali li ma komplewx l-iskola primarja tradizzjonali jew li jgħixu 'l bogħod minn skejjel oħra. Hija parti mill-Inizjattiva ewlenija tal-Eġittu għall-Edukazzjoni tal-Bniet li għandha l-għan li tnaqqas id-distakk sesswali fl-edukazzjoni primarja. L-UE bniet u attrezzat 200 skola simili bħala parti mill-programm Tfal f'Riskju.

"Jiena kont immur fi skola normali, iżda kelli nieqaf," tirrakkonta Maha. "Iżda jien xorta ridt neduka ruħi. Darba waħda, hekk kif kont għaddejja minn ħdejn din l-iskola, kellimt lill-għalliema u għenuni biex nikkonvinċi lill-missieri sabiex nidħol magħhom."

L-arti tal-persważjoni

Minn mindu fetħet l-iskola fl-2004, l-impjegati kienu qed jieħdu sehem f'kampanja sabiex jiġbdu lin-nies tal-lokal. "Fil-bidu, ħafna ġenituri kellhom xi riżervi minħabba raġunijiet finanzjarji u soċjali," tispjega Iman Saber, is-superviżur tal-iskola. "Issa l-iskola hija tant popolari li għandna lista ta' stennija."

L-iskola bi klassi waħda, b'36 tifla, issegwi approċċ ġdid. "Hawnhekk m'għandniex għalliema fis-sens tradizzjonali, iżda facilitators li huma mħarrġa f'tagħlim iffukat fuq l-istudent sabiex jaqdi l-bżonnijiet speċifiċi tal-bniet," tgħid Saber.

Id-diskrepanza fl-età tista' wkoll tkun sfida. "Aħna nħeġġu lill-bniet sabiex iqisu lil xulxin bħala aħwa u ħbieb, u l-età tagħhom ma tagħmilx differenza; l-aktar ħaġa importanti hija li huma qegħdin hawn biex jitgħallmu," tkompli tgħid.

Maha, waħda mill-bniet l-aktar kbar fl-età fil-klassi, se tiggradwa dalwaqt. "Jien għandi l-ħolma li nkompli għall-università. Jien nixtieq li nsir għalliema għax inħobb dak li jagħmlu l-għalliema tiegħi hawnhekk," tgħid entużjasta.



Dr Naira Aptsiauri tilqa' l-pazjenti f'Kakheti.

Il-mediċina t-tajba

Dr Elza Togonidze kienet kuntenta ħafna meta, f'Diċembru 2007, iċ-ċentru l-ġdid tal-kura tas-saħħa primarja fir-raħal żgħir ta' Eniseli f'Kakheti (il-Ġorġja) fetaħ sabiex jaqdu aktar minn 4 000 ruħ fil-kampanja tal-madwar.

"Aħna għandna l-apparat u l-faċilitajiet kollha biex nittrattaw il-bżonnijiet primarji ta' saħħa tal-pazjenti tagħna – kolloxx minn tqala sa dijabete," tosserva. "In-nies tal-lokal huma kuntenti ħafna. Fil-fatt, ir-reputazzjoni tal-klinika saret tant tajba li anke xi nies li mhux morda jiġu għall-konsultazzjonijiet," tgħid b'daħka.

Dan huwa b'kuntrast maċ-ċentru preċedenti li l-bini tiegħu fi stat ħażin għadu hemm wara dak preżenti li sfortunatament ifakkar fl-istat ħażin tal-kura tas-saħħa f'ħafna partijiet tal-pajjiż.

Il-preskrizzjoni ta' sistema ta' saħħa aħjar

"Bħala parti minn dan il-proġett pilota, l-ministeru tas-saħħa żviluppa pjan ewleni komplit biex jibni u jirrijabilita l-faċilitajiet, biex iħarreġ u jerġa' jħarreġ lill-impjegati, u sabiex iqajjem kuxjenza u jippromwovi l-kura tas-saħħa fost il-komunitajiet lokali," jispjega Dr Giorgi Shavgulize, it-tabib li jmexxi l-klinika ambulatorja ta' Kvareli.

Il-proġett pilota ffinanzja l-bini jew it-tisbiħ ta' 52 faċilità tas-saħħa, appoġġa t-taħriġ ta' 360 voluntier fil-promozzjoni tas-saħħa, u t-twaqqif ta' 76 kumitat tas-saħħa fl-irħula. Barra dan, grupp teatrali mobbli kien qed idur ir-reġjun biex jippromwovi l-importanza tal-kura tas-saħħa preventiva.

"Aħna mhux ħa nieqfu biss fil-kura tas-saħħa primarja. Hemm kampanja mal-pajjiż kollu sabiex jinbnew aktar minn 100 sptar mill-aktar avvanzati, li ħafna minnhom se jkunu f'Kakheti," jgħid Shavgulize b'ton kburi.